MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2006

Numru 488/2002

Il-Pulizija
(Sp Christopher Pullicino)
vs
Suzette Farrugia, bint Francis,
imwielda Pieta’ fis-17 ta’
lulju, 1981

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata talli b’diversi atti, ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda –
a. waqt li kienet San Pawl il-Baħar fis-16 ta’ novembru, 2001 irrendiet ruħha kompliċi f’serq ta’ diversi oġġetti mill-ħanut bl-isem ‘Ghandi Tandoori’, Triq il-Mosta, San Pawl il-Baħar, liema serq hu kkwalifikat bil-ħin, bil-mezz u bil-

valur li jaqbeż l-elf lira maltin għad-dannu ta’ Francis Vella minn San Pawl il-Baħar;
b. waqt li kienet fil-Qawra fil-lejl ta’ bejn it-22 u it-23 ta’ novembru, 2001 irrendiet ruħha kompliċi f’serq ta’ diversi oġġetti mill-ħanut bl-isem ‘Korazon’, Triq it-Turisti, Qawra. Liema serq hu kkwalifkat bil-ħin, bil-mezz u bil-valur li jaqbeż l-elf lira maltin għad-dannu ta’ Joseph Muscat mis-Swieqi;
c. waqt li kienet fil-Qawra f’xi lejl bejn it-8 u id-9 ta’ ottubru, 2001 irrendiet ruħha kompliċi f’serq ta’ flus mill-ħanut ‘Bognor Regis’, Dawret il-Gżejjer, Qawra liema serq hu kkwalifikat bil-ħin u bil-mezz għad-dannu ta’ Paul Saliba miż-Żurrieq;
d. waqt li kienet f’Buġibba fid-29 ta’ ottubru, 2001 irrendiet ruħha kompliċi f’serq ta’ diversi oġġetti mill-ħanut bl-isem ‘Buġibba Boċċi Club’, Dawret il-Gżejjer, Buġibba liema serq hu kkwalifkat bil-ħin, bil-mezz u bil-valur li jaqbeż il-mitt lira iżda ma jeċċediex l-elf lira maltin għad-dannu ta’ John Mary Ebejer minn San Pawl il-Baħar.
e. Hi wkoll reċidiva b’sentenza mogħtija mill-Qorti, liema sentenza hi definittiva u ma tistax tiġi mħassra jew mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-30 ta’ awissu, 2006 fejn iddikjara li wara li ra
l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
fl-artikoli 261(b)(ċ)(d)(e)(f)(g), 262, 264, 265, 330, 267, 270 279(b), 280, 281, 289, 334, 31, 49, 50, 20, 23, u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ ottubru, 2006 fejn l-imputata tat il-kunsens tagħha biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ ottubru, 2006 fejn l-imputata ammett1t l-ewwel erba’ akkużi miġjuba kontra tagħha b’referenza għas-serq.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħha. Rat
l-artikoli 261(b)(ċ)(d)(e)(f)(g), 262, 264, 265, 267, 270 279(b), 280, 281, 289, 49, 50 tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputata fil-perjodu li ġara dan il-każ kienet għaddejja minn perjodu diffiċli fil-ħajja tagħha u kellha diversi problemi. Illum, dawn il-problemi ġew megħluba u qed tgħix ħajja normali u qed taħdem bi profitt. Kwindi, mhemmx lok għal piena ta' priġunerija. Għalhekk, ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.
/

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------